IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 21.12.2007
COM(2007) 844 finali

2007/0286 (COD)

Proposta ta'

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)

**(Riformulazzjoni)**

(imressqa mill-Kummissjoni)

[COM(2007) 843 finali]
[SEC(2007) 1679]
[SEC(2007) 1682]

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-Aġenda ta’ Liżbona, is-Sitt Programm ta’ Azzjoni Komunitarju dwar l-Ambjent kif ukoll l-Istrateġija ta’ l-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli kienu xprun importanti għall-proċess tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (IPPC) u leġiżlazzjoni relatata dwar l-emissjonijiet industrijali. Waħda mill-elementi ewlenin tagħhom għandha x’taqsam mal-kisba ta’ titjib tekniku filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat l-infiq effettiv u tiġi inkoraġġita l-innovazzjoni teknika. Barra minn hekk, ir-reviżjoni ġiet identifikata fil-kuntest tar-Regolamentazzjoni Aħjar u ġiet inkluża fil-programm għaddej ta’ simplifikazzjoni ta’ l-UE li jkopri l-perjodu 2006-2009.

### Kuntest ġenerali

L-attivitajiet industrijali huma parti importanti mill-ekonomija tagħna. Madankollu, jikkontribwixxu wkoll għat-tniġġis ambjentali u għall-produzzjoni ta’ l-iskart u l-użu ta’ l-enerġija. Minkejja tnaqqis fl-emissjonijiet tul l-aħħar għexieren ta’ snin, l-attivitajiet industrijali jibqgħu għajn ewlenija ta' sustanzi niġġiesa.

Id-Direttiva IPPC tkopri xi 52 000 stallazzjoni. L-emissjonijiet fl-arja minn dawn l-istallazzjonijiet jirrappreżentaw sehem kbir mill-emissjonijiet totali tas-sustanzi niġġiesa ewlenin u jaqbżu bil-kbir l-għanijiet stipulati fl-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis ta’ l-Arja. Mingħajr aktar tnaqqis ta’ emissjonijiet mill-istallazzjonijiet IPPC, l-effetti pożittivi fuq is-saħħa u l-ambjent li jridu jinkisbu minn dawn l-għanijiet mhumiex se jimmaterjalizzaw.

L-attivitajiet industrijali jwasslu wkoll għal impatti ambjentali sinifikanti oħra, per eżempju, fuq l-ilma, il-ħamrija u l-iskart. Huwa għalhekk essenzjali approċċ integrat li jqis effetti minn mezz għal ieħor.

L-element ċentrali ta’ approċċ bħal dan huwa l-implimentazzjoni ta’ l-Aħjar Tekniki Disponibbli (*Best Available Techniques)* (BAT). Dan hu ddefinit bħala l-użu ta’ tekniki stabbiliti li huma l-aktar effettivi għall-ilħiq ta' livell għoli ta' ħarsien ambjentali bħala sħiħ u li jistgħu jiġu implimentati fis-settur rilevanti taħt kundizzjonijiet ekonomikament u teknikament vijabbli, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-vantaġġi.

Skambju ta’ informazzjoni dwar il-BAT qed jiġi organizzat mill-Kummissjoni ma’ l-Istati Membri u partijiet interessati oħra sabiex jiġi stabbiliti dokumenti ta’ referenza BAT (BREF) li jindikaw x’jitqies bħala BAT fuq il-livell ta’ l-UE għal kull settur industrijali.

L-istallazzjonijiet industrijali huma wkoll koperti minn direttivi settorjali, li jistipulaw kundizzjonijiet ta’ l-operat u rekwiżiti tekniċi oħra. F’relazzjoni mad-Direttiva IPPC, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala rekwiżiti minimi.

### Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-proposta għandha l-għan tirrevedi u tirriformula l-istrumenti separati li ġejjin f’att ġuridiku waħdieni.

Id-Direttiva tal-Kunsill 78/176/KEE ta' l-20 ta' Frar 1978 dwar skart mill-industrija tat-titanju dijossidu [*dijossidu tat-titanju*] *ĠU L 54, tal-25.2.1978, p. 19*

Id-Direttiva tal-Kunsill 82/883/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 fuq il-proċeduri ta' sorveljanza u monitoraġġ ta' ambjenti milquta mill-iskart ta' l-industrija tad-dijossidu ta' titanju *ĠU L 378, tal-31.12.1982, p. 1*

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/112/KEE tal-15 ta' Diċembru 1992 dwar proċeduri għall-armonizzar ta' programmi għat-tnaqqis u eventwali eliminazzjoni ta' tniġġis ikkawżat mill-iskart mill-industrija tat-*titanium dioxide* [*dijossidu tat-titanju*] *{U L 409, 31.12.1992, p. 11 (l-aħħar tlieta magħrufa kollettivament bħala: "Direttivi TiO2").*

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis("id-Direttiva IPPC"), *ĠU L 257, ta' l-10.10.1996, p. 26*

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE tal-11 ta' Marzu 1999 dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiku f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet("id-Direttiva dwar is-Solventi VOC"), *ĠU L 85, tad-29.3.1999, p. 1*

Id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart ("id-Direttiva dwar l-Inċinerazzjoni ta' l-Iskart"), *ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 91*

Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar ta' kombustjoni ("id-Direttiva LCP"), *ĠU L 309, tas-27.11.2001, p.1*

**Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

Il-proposta hija konsitenti ma' l-Artikolu 175 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u għandha l-għan li tipprovdi livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent.

## 2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONITA' L-IMPATT

**Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li taw fehmithom

Il-proċess ta' revizjoni beda fi tmiem l-2005 u huwa msejjes fuq programm estensiv ta' studji u konsultazzjoni kontinwa mal-partijiet interessati, inkluż it-twaqqif ta' Grupp Konsultattiv, l-organizzazzjoni ta' Seduta tal-Partijiet Interessati, u konsultazzjoni fuq l-internet.

*Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu*

Konsultazzjoni bl-internet ġiet organizzata waqt il-perjodu mis-17 ta' April sat-18 ta' Ġunju 2007. Waslu u ġew mistħarrġa madwar 450 tweġiba.

Il-biċċa l-kbira ta' min wieġeb qabel li:

- il-leġiżlazzjoni ta' l-UE għandha tkompli tkopri l-impatti ambjentali ewlenin kollha ta' l-istallazzjonijiet IPPC b'mod integrat;
- il-BAT għandu jibqa' l-prinċipju ewlieni fil-prevenzjoni/minimizzazzjoni tar-riskju tat-tniġġis mill-istallazzjonijiet industrijali u l-BREFs għandhom ikollhom rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-BAT;
- ċerti regoli minimi għandhom jiġu stipulati fuq il-livell ta' l-UE fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-ispezzjoni u azzjonijiet addizzjonali ddefniti fil-qasam tal-monitoraġġ u r-rappurtatr ta' l-emissjonijiet;
- riċerka speċifika tista' tgħin fl-identifikazzjoni ta' tekniki ġodda għall-kunsiderazzjoni bħala BAT potenzjali għall-ġejjieni;
- rekwiżiti tal-monitoraġġ u r-rappurtar li ma jkunux meħtieġa għandhom jitneħħew mill-operaturi u r-rekwiżiti tar-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għandhom jingħaqdu u jiġu razzjonalizzati.

L-informazzjoni kollha kontestwali hija disponibbli għal pubbliku fuq websajt CIRCA[1] apposta għal din l-inzjattiva.

**Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

*Oqsma xjentifiċi/ ta' għarfien espert ikkonċernati*

L-oqsma ta' għarfien espert li ġejjin intużaw għall-iżvilupp ta' din il-proposta: (1) il-valutazzjoni ta' l-impatti ambjentali u fuq is-saħħa ta' l-emissjonijiet industrijali (fl-arja, l-ilma, il-ħamrija) (2) teknoloġiji ambjentali għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' l-emissjonijiet industrijali (3) analiżi u ħolqien ta' mudelli ekonomiċi (4) stima ta' l-impatti fuq is-saħħa inkluż il-kwantifikazzjoni f'termini monetarji (5) stima tal-benefiċċji ta' l-ekosistema (6) għarfien espert fil-permessi u l-kontrolli ta' l-istallazzjonijiet industrijali.

*Il-metodoloġija użata*

Il-metodoloġiji ewlenin użati kienu laqgħat ta' l-esperti u l-ikkumissjonar ta' programm estensiv ta' studji, inkluż mudelli u ġbir ta' informzzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni permezz ta' studji ta' każijiet u wkoll valutazzjoniijiet ġeografiċi u settorjali.

*L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin li ġew ikkonsultati*

Ġiet ikkonsultata firxa kbira ta' esperti mill-Istati Membri, esperti xjentifiċi, l-industrija, NGOs ambjentali u konsulenti speċjalizzati.

Ġabra fil-qosor tal-konsulenza rċevuta u użata

L-evidenza li rċeviet il-Kummissjoni tista' titqassar kif ġej: (i) l-emissjonijiet industrijali

---

[1] http://circa.europa.eu/Public/irc/env/ippc_rev/library

jistgħu jwasslu għal riskji serji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent iżda jistgħu jiġu pprevenuti u kkontrollati b'mod effettiv fuq livell ta' spejjez bis-saħħa ta' l-Applikazzjoni ta' l-Aħjar Tekniki Disponibbli, (ii) tisħiħ tad-dispożizzjonijiet attwali huwa meħtieġ sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-BAT għall-benefiċċju ta' l-ambjent u sabiex jiġu appoġġati l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, (ii) interazzjonijiet bejn partijiet differenti tal-leġiżlazzjoni għandhom jiġu razzjonalizzati u ċerti dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar u l-monitoraġġ għandhom jiġu ssimplifikati sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa u sabiex tittejjeb il-prassi attwali ta' l-implimentazzjoni.

_*Il-mezzi użati biex il-konsulenza ta' l-esperti tkun disponibbli għall-pubbliku*_

Ir-rapporti kollha (kemm l-abbozzi kemm il-verżjonijiet finali) mill-esperti u l-kuntatti, kif ukoll il-kummenti u l-kontributi mill-partijiet interessati, itellgħu regolarment fuq l-internet għat-tixrid pubbliku.

**Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Il-problemi ewlenin identifikati fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt (VI) għandhom x'jaqsmu ma' (1) nuqqasijiet fil-leġiżlazzjoni attwali li jwasslu għall-implimentazzjoni mhux sodisfaċenti u diffikultajiet f'azzjonijiet ta' infurzar Komunitarju u, b'hekk, għat-telf ta' benefiċċji tas-saħħa u ambjentali u (2) mal-kumplessità u n-nuqqas ta' koerenza ma' partijiet tal-qafas ġuridiku attwali. Dawn il-problemi mhux biss jagħmluha diffiċli biex jinkisbu l-għanijiet iffissati fl-Istrateġija ta' l-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli u b'mod partikolari l-Istrateġiji Tematiċi, iżda għandhom ukoll il-potenzjal li joħolqu xkiel għall-kompetizzjoni minħabba d-differenzi kbar fl-istandards ambjentali u l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa.

Fuq il-bażi ta' dawn ir-riżultati, il-VI ivvalutat għadd ta' alternattivi ta' politika bil-għan li jiġi indentifikat pakkett ta' miżuri bi nfiq effettiv sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imsemmija. Din il-valutazzjoni wasslet lill-Kummissjoni biex tipproponi dan li ġej:

Fir-rigward ta' l-inkonsistenzi u l-kumplessità tal-leġiżlazzjoni attwali, il-Kummissjoni qed tipproponi Direttiva waħdanija li tgħaqqad, permezz ta' riformulazzjoni (*recast*), id-Direttiva IPPC u sitt Direttivi settorjali.

Barra minn hekk, reviżjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti hija meħtieġa sabiex tindirizza n-nuqqasijiet fl-applikazzjoni attwali tal-BAT, il-problemi mqajma minn ċerti rekwiżiti mhux ċari (pereżempju dwar permessi skond il-BAT jew reviżjoni tal-permess), in-nuqqas ta' dispożizjonijiet dwar l-infurzar u l-limitazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni fit-termini ta' l-ilħiq ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġiji Tematiċi. Xi wħud mill-emendi ewlenin tal-leġiżlazzjoni li huma rrakkomandati huma dawn li ġejjin:

- il-kjarifika u t-tisħiħ tal-kunċett tal-BAT;
- ir-reviżjoni tal-valuri limitu minimi ta' l-emissjonijiet għal Impjani Kbar tal-Kombustjoni u stallazzjonijiet li jipproduċu d-dijossidu tat-titanju sabiex jiġu konformi ma' l-istandards BAT;
- il-ħolqien ta' Kumitat biex jadatta r-rekwiżiti tekniċi eżistenti mhux essenzjali għall-progress xjentifiku u tekniku jew biex jistabbilixxi t-tip u l-format tar-rappurtar mill-Istati Membri;
- l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni u t-titjib ambjentali;
- l-istimolu ta' l-innovazzjoni u l-iżvilupp u t-tħaddim ta' tekniki ġodda;

- is-simplifikazzjoni u l-iċċarar ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-permessi, il-monitoraġġ u r-rappurtar sabiex jitneħħew piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa;
- l-estensjoni u l-iċċarar ta' l-ambitu u d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni sabiex ikun hemm kontribut aħjar għall-għanijiet ta' l-Istrateġiji Tematiċi.

Ir-rapport tal-VI huwa aċċessibbli fuq http://KE.europa.eu/environment/ippc/index.htm

## 3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

### Sommarju ta' l-azzjoni proposta

Il-proposta attwali għandha l-għan tirrevedi u tirriformula seba' Direttivi eżistenti separati marbuta ma' l-emissjonijiet industrijali f'Direttiva waħdanija.

L-użu tat-teknika tar-riformulazzjoni jagħmilha possibbli li jingħaqdu f'test waħdieni sew l-emendi sostantivi proposti lid-Direttiva sew dawk tad-dispożizzjonijiet oriġinali tagħhom li jibqgħu mhux mibdula.

Barra minn hekk, il-proposta se ssaħħaħ jew iżżid ċerti dispożizzjonijiet sabiex tiżgura implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali bil-għan li jinkiseb livell għoli ta' ħarsien ambjentali, filwaqt li tissimplifika l-leġiżlazzjoni u fl-istess ħin tnaqqas il-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa. Dispożizzjonijiet aktar ċari sejrin jippermettu monitoraġġ u infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni permezz ta' azzjonijiet Komunitarji.

### Il-bażi ġuridika

L-għan primarju ta' din id-Direttiva huwa l-protezzjoni ta' l-ambjent. Il-proposta hija għalhekk ibbażata fuq l-Artikolu 175 KE.

### Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika minħabba li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-leġiżlazzjoni eżistenti tiffissa standards minimi għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' l-emissjonijiet industrijali madwar il-Komunità. Dan il-prinċipju huwa miżmum fil-proposta. Barra minn hekk, bosta emissjonijiet industrijali (pereżempju għall-arju jew għall-ilma) huma ta' natura transkonfinali. L-Istati Membri kollha għandhom għalhekk jieħdu miżuri sabiex ikunu jistgħu jitnaqqsu r-riskji għall-popolazzjoni u l-ambjent f'kull Stat Membru.

L-azzjoni Komunitarja se tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:

L-enfasi ewlenija ta' din il-proposta hija fuq l-emendar u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti marbuta ma' l-emissjonijiet industrijali li tapplika standards minimi għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' l-emissjonijiet industrijali madwar il-Komunità kollha. L-

emissjonijiet industrijali jikkontribwixxu sostanzjalment għall-emissjonijiet kumplessivi għall-ajru, l-ilma u l-ħamrija kif ukoll għall-ġenerazzjoni ta' l-iskart u l-użu ta' l-enerġija. L-emissjonijiet industrijali ġeneralment għandhom ukoll komponenti transkonfinali sostanzjali, li jfisser li s-sustanzi niġġiesa mormija fl-arja jew fl-ilma jikkontribwixxu għat-tniġġis imkejjel fl-Istati Membri l-oħra. Il-medda tal-problema titlob għal azzjoni madwar il-Komunità kollha. L-Istati Membri individwali ma jistgħux isolvu l-problemi weħidhom, u hija meħtieġa azzjoni konċertata fuq l-iskala ta' l-UE.

Il-proposta tikkonċentra fuq simplifikazzjonijiet għal-leġiżlazzjoni eżistenti u fuq it-tisħiħ ta' xi dispożizzjonijiet sabiex ittejjeb l-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni permezz ta' azzjonijiet Komunitarji. Il-proposta tħalli li l-mezzi ta' l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-konformità jiġu deċiżi mill-awtoritajiet xierqa ta' l-Istat Membru, u b'hekk tiżgura standards minimi ta' ħarsien għall-ambjent u għaċ-ċittadini kollha ta' l-UE.

Għaldaqstant, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

**Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

L-istrument ġuridiku magħżul huwa direttiva, billi (1) il-proposta għandha l-għan li tirriformula u tissimplifika direttivi eżistenti; u (2) tistabbilixxi għanijiet filwaqt li tħalli d-dettalji ta' l-implimentazzjoni f'idejn l-Istati Membri.

Il-proposta tintroduċi għadd ta' innovazzjonijiet li sejrin inaqqsu l-piż finanzjarju u amministrattiv mhux meħtieġ, partikolarment billi tinkoraġġixxi, fuq il-livell ta' l-Istat Membru, permessi magħquda għal stallazzjonijiet li huma suġġetti għal biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni fuq il-livell ta' l-UE, billi tissimplifika r-rekwiżiti tal-monitoraġġ u r-rappurtat u billi timxi lejn sistema informatika u rappurtar elettroniku komuni dwar l-emissjonijiet industrijali. Barra minn hekk, ċerti rekwiżiti ta' rappurtar se jiġu revokati.

Minkejja li l-proposta tintroduċi dispożizzjonijiet aktar speċifiċi dwar l-infurzar, il-konformità u r-reviżjonijiet tal-permessi, tħalli biżżejjed flessibbiltà lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri biex jistabbilixxu l-aktar skemi ta' implimentazzjoni li jkollhom infiq effettiv sabiex jintlħaqu l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, il-proposta se tiċċara l-ambitu attwali tal-leġiżlazzjoni sabiex jiġu evitati l-interpretazzjonijiet preżenti inkonsitenti u mhux armonizzati mill-Istati Membri. Għadd limitat ta' setturi addizzjonali huma proposti għall-inklużjoni fil-leġiżlazzjoni skond analiżi fil-fond ta' l-impatti li juru l-ħtieġa, il-valur miżjud u l-proporzjonalità ta' estensjoni bħal din.

Għaldaqstant il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

**L-għażla ta' l-istrumenti**

L-istrumenti proposti: direttiva.

Strumenti oħrajn ma jkunux xierqa minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

L-għan tal-proposta attwali huwa t-tagħqid u s-simplifikazzjoni ta' seba' direttivi eżistenti fi strument waħdieni. Fid-dawl ta' dan, u l-fatt li l-leġiżlazzjoni eżistenti tiffissa għanijiet Komunitarji filwaqt li tħalli l-għażla tal-miżuri għall-konformità ta' l-Istati Membri, l-aħjar strument huwa direttiva.

## 4) IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

## 5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

### Simplifikazzjoni

Il-proposta taħseb għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (ta' l-UE jew nazzjonali).

Ir-riformulazzjoni se tissimplifika u tirrazzjonalizza dispożizzjonijiet eżistenti. Se jiġu rrevokati dispożizzjonijiet li m'għadhomx jiswew u obbligi mhux neċessarji, filwaqt li r-rekwiżiti tar-rappurtar u l-monitoraġġ se jiġu ssimplifikati permezz ta' tranżizzjoni lejn ir-rappurtar elettroniku. Dan għandu jgħin l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri għat-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, minħabba li l-aktar li jiġu frankati flus huwa mill-bidla tal-prattiki ta' l-implimentazzjoni fuq il-livell ta' l-Istat Membru. Dan jirrifletti n-natura tal-leġiżlazzjoni, li tipprovdi l-qafas u l-prinċipji aktar milli d-dettalji ta' l-implimentazzjoni.

Il-proposta hija inkluża fil-programm li għaddej tal-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni ta' l-*acquis communautaire* u l-Programm tagħha tax-Xogħol u l-Leġiżlazzjoni fir-referenza CLWP 002 2007/ENV/520.

### Tħassir ta' leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta twassal għar-revoka tal-seba' Direttivi eżistenti.

### Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/estinzjoni

Il-Kummissjoni se tistħarreġ l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u se tirrapporta kull tliet snin lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

### Tabella ta' korrelazzjoni

L-Istati Membri huma obbligati jgħarrfu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet

nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

**Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE, u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

**Spjegazzjoni ddettaljata tal-proposta**

L-ambitu ta' l-applikazzjoni tad-Direttivi preżenti ma nbidilx. Il-proposta tapplika għall-attivitajiet elenkati fl-Anness I (li jikkorrispondi għall-ambitu tad-Direttiva IPPC attwali) u fil-Parti 1 ta' l-Anness VII (li jikkorrispondi għall-ambitu tad-Direttiva VOC attwali dwar is-Solventi), għall-impjanti ta' kombustjoni, impjanti ta' l-inċinerazzjoni ta' l-iskart u impjanti ta' koinċinerazzjoni ta' l-iskart u stallazzjonijiet li jipproduċu d-dijossidu tat-titanju. Madankollu, l-ambitu preżenti ta' l-Anness I ġie kemmxejn emendat sabiex jinkludi xi attivitajiet addizzjonali bħall-istallazzjonijiet ta' kombustjoni bejn 20 u 50 MW, il-preservazzjoni ta' l-injam u l-prodotti ta' l-injam u l-produzzjoni ta' panewwi ta' l-injam.

Dan il-prinċipju huwa mqassam f'seba' kapitoli. Il-Kapitlu I huwa l-parti ġenerali li tistipula dispożizzjonijiet komuni li japplikaw għall-attivitajiet industrijali koperti minn din id-Direttiva. Il-Kapitlu II ikopri attivitajiet stipulati fl-Anness I u jistipula dispożizzjonijiet speċjali għal dawk l-attivitajiet billi jemenda r-rekwiżiti attwali tad-Direttiva IPPC. Il-Kapitolu II sa VI fihom rekwiżiti tekniċi minimi għal impjanti kbar ta' kombustjoni, impjanti ta' inċinerazzjoni ta' l-iskart, stallazzjonijiet tas-solventi u stallazzjonijiet tad-dijossidu tat-titanju, rispettivament. Il-Kapitolu VII fihom dispożizzjonijiet dwar awtoritajiet kompetenti, rappurtar mill-Istati Membri, kumitat, penali u d-dispożizzjonijiet standard ta' l-għeluq.

**Kummenti dwar l-Artikoli**

Il-kummenti dwar l-Artikoli jirrelataw biss għal dawk l-Artikoli li huma ġodda jew fejn ġew introdotti bidliet sostantivi.

- **Id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-permessi għall-attivitajiet elenkati fl-Anness I (l-Artikoli 14 sa 17)**

Sabiex jintlaħaq livelli għoli ta' ħarsien għall-ambjent kollu kemm hu, il-permess għandu jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa u għandu jinkludi valuri limitu ta' l-emissjonijiet għas-sustanzi niġġiesa, rekwiżiti xierqa għall-ħarsien tal-ħamrija u l-ilma tal-pjan kif ukoll rekwiżiti tal-monitoraġġ. Il-kundizzjonijiet tal-permess għandhom jissejsu skond l-aħjar tekniki disponibbli.

Sabiex jiġi ddeterminat x'jitqies bħala l-aħjar tekniki disponibbli u sabiex jiġu limitati l-iżbilanċi fil-Komunità fir-rigward tal-livell ta' l-emissjonijiet ta' l-attivitajiet industrijali, il-Kummissjoni tadotta d-dokumenti ta' referenza għall-aħjar tekniki disponibbli, minn hawn 'il quddiem "dokumenti ta' referenza BAT" bħala riżultat ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati.

Stħarriġ dettaljat żvela li hemm nuqqasijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' l-aħjar tekniki disponibbli minħabba dispożizzjonijiet vagi dwar il-BAT fil-leġiżlazzjoni attwali, il-flessibbiltà kbira li titħalla f'idejn l-awtoritajiet kompetenti biex jiddevjaw minnha waqt il-proċess tal-permessi, u r-rwol mhux ċar tal-BREFs. Bħala riżultat, il-permessi maħruġa għall-

implimentazzjoni tad-Direttiva IPPC sikwit jinkludu kundizzjonijiet li mhumiex imsejsa fuq il-BAT kif deskritti fil-BREFs bi ftit li xejn ġustifikazzjoni dwar devjazzjoni tali.

Bħala riżultat ta' dawn in-nuqqasijiet, il-benefiċċji ambjentali oriġinarjament maħsuba ma waslux u x-xkiel fis-suq intern jibqa' wieħed sinfikanti.

Sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, il-proposta tistabbilixxi dispożizzjonijiet bies issaħħaħ u tiċċara l-użu tal-BAT. Il-proposta teħtieġ li d-dokumenti ta' referenza BAT jkunu r-referezna għall-istipular tal-kundizzjonijiet tal-permessi u li l-valuri limitu ta' l-emissjonijiet ma jaqbżuz il-livelli ta' emissjoni assoċjati ma' l-aħjar tekniki disponibbli kif deskritti f'dawk id-dokumenti ta' referenza BAT.

Sabiex jitqiesu ċerti ċirkostanzi speċifiċi, il-proposta tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jagħtu derogi li jippermettu li l-valuri limitu ta' l-emissjonijiet jaqbżu l-livelli ta' l-emissjoniiet assoċjati ma' l-aħjar tekniki disponibbli kif deskritt fid-dokumenti ta' referenza BAT. Madankollu, dawn id-derogi għandhom ikunu msejsa fuq kriterji definiti sew u ma għandhomx jaqbżu l-valuri limitu ta' l-emissjonijiet stipulati fil-Kapitoli III sa VI ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, dawn id-derogi, flimkien mal-ġustifikazzjoni tagħhom, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Sabiex l-operaturi jittestjaw tekniki emerġenti li jkunu jistgħu jipprovdu livell ogħla ta' ħarsien ambjentali, il-proposta tintroduċi wkoll possibbiltà għall-awtorità kompetenti biex tagħti derogi tempornaji mil-livelli ta' l-emissjonijiet assoċjati ma' l-aħjar tekniki disponibbli kif deskritti fid-dokumenti ta' referenza BAT.

Il-proposta tintroduċi wkoll rekwiżit ġdid sabiex jiġu perjodikament immonitorjati l-ħamrija u l-ilma tal-pjan fis-sit ta' l-istallazzjonijiet sabiex jiġi żgurat li tkun disponibbli informazzjoni xierqa sabiex dawn il-mezzi jiġu protetti minn kontaminazzjoni b'sustanzi perikolużi.

- **Dispożizzjonijiet dwar il-konformità u ż-żieda fit-titjib ambjentali għal attivitajiet elenkati fl-Anness I (l-Artikoli 22, 24 u 25)**

Id-dispożizzjonijiet fl-*acquis* attwali dwar ir-rappurtar tal-konformità, l-ispezzjonijiet u reviżjonijiet tal-permessi huma vagi u jissarrfu f'varjazzjonijiet kbar bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, u konsegwentament livelli subottimali ta' ħarsien ambjentali u distorsjoni tas-suq intern.

Il-proposta għalhekk tistipula dispożizzjonijiet aktar speċifiċi sabiex tiżgura implimentazzjoni u infurzar aktar effettivi ta' din id-Direttiva. Kif jirrizulta, dispożizzjoni ġdida tiddaħħal li teħtieġ li l-operaturi jirrappurtaw regolarment dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet tal-permess lill-awtorità kompetenti. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li l-operatur u l-awtorità kompetenti jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva.

Il-proposta tintroduċi wkoll rekwiżit biex il-kundizzjonijiet tal-permess jiġu kkunsidrati mill-ġdid u, fejn meħtieġ, aġġornati wara li Dokument ta' Referenza BAT ġdid jew aġġornat jiġi adottat sabiex jitqiesu l-iżviluppi fl-aħjar tekniki disponibbli jew bidliet oħra fir-rigward ta' l-operat ta' stallazzjoni.

Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi rekwiżiti għall-Istati Membri biex jipprovdu għal sistema ta' spezzjonijiet ambjentali. Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda huma fil-biċċa l-kbira msejsa fuq ir-Rakkomandazzjoni 2001/33/KE għal kriterji minimi ta' spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri

Dawn il-bidliet introdotti se jgħinu bies jiżguraw u, f'ċerti każi, iħaffu l-implimentazzjoni tal-BAT, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġiji Tematiċi u jnaqqsu d-distorsjoni għall-kompetizzjoni.

- **L-għeluq tas-sit u r-rijabilitazzjoni għall-attivitajiet elenkati fl-Anness I (l-Artikoli 23)**

L-attivitajiet industrijali jistgħu jwasslu għal impatti negattivi sinifikanti fuq il-kwalità tal-ħamrija u l-ilma tal-pjan minħabba l-użu, il-manifattura jew ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi. Id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* attwali huma vagi dwar ir-rekwiżit fir-rigward ta' l-għeluq tas-sit u r-rijabilitazzjoni wara tmiem l-attivitajiet.

Sabiex jiġu ċċarati dawn ir-rekwiżiti u jkunu jistgħu jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istrateġija Tematika dwar il-Ħarsien tal-Ħamrija, il-proposta teħtieġ li rapport ta' bażi jiġi stabbilit mill-operaturi sabiex jipprovdi tagħrif kwantifikat dwar il-qagħad tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma tal-pjan. Malli jintemmu għal kollox l-attivitajiet, l-operatur huwa meħtieġ jirrijabilita s-sit u jerġa' lura għal dik il-qagħda.

- **Il-valuri limtu ta' l-emissjonijiet għall-impjanti ta' kombustjoni (l-Artikoli 33 u 35, il-Partijiet 1 u 2 ta' l-Anness V)**

L-emissjonijiet fl-arja minn impjanti ta' kombustjoni kbar jippreżentaw sehem kbir ta' emissjonijiet totali ta' sustanzi niġġiesa ewlenin u jaqbżu bil-kbir l-għanijiet stipulati fl-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis ta' l-Arja. Mingħajr aktar tnaqqis ta' emissjonijiet minn dawn l-impjanti, l-effetti pożittivi fuq is-saħħa u l-ambjent li jridu jinkisbu minn dawn l-għanijiet mhumiex se jimmaterjalizzaw. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu ffissati valuri limitu ta' l-emissjonijiet aktar stretti, skond l-aħjar tekniki disponibbli, għal ċerti kategoriji ta' impjanti ta' kombustjoni u sustanzi niġġiesa.

- **Rekwiżiti ta' monitoraġġ għall-l-impjanti ta' l-inċinerazzjoni ta' l-iskart u impjanti li ta' koinċinerazzjoni ta' l-iskart (l-Artikolu 43 u 45, il-Parti 6 ta' l-Anness VI)**

Sabiex tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi mhux meħtieġa filwaqt li ma jinbidilx il-livell tal-ħarsien ambjentali, il-proposta tintroduċi xi ftit aktar derogi għar-rekwiżiti minimi attwali għall-monitoraġġ ta' ċerti emissjonijiet iġġenerati mill-impjanti ta' l-inċinerazzjoni ta' l-iskart u l-impjanti tal-koinċinerazzjoni ta' l-iskart. Dawn id-derogi jistgħu jingħataw mill-awtorità kompetenti biss skond kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fil-proposta.

- **Il-valuri limitu ta' l-emissjonijiet u rekwiżiti tar-rappurtar għall-istallazzjonijiet li jipproduċu d-dijossidu tat-titanju (l-Artikoli 63 u 64, il-Partijiet 1, 3 u 4 ta' l-Anness VIII)**

L-istallazzjonijiet li jipproduċu d-dijossidu tat-titanju jistgħu jagħtu lok għal tniġġis sinifikanti fl-arja u l-ilma. Sabiex jitnaqqsu dawn l-impatti, il-proposta tintroduċi valuri limitu ta' l-emissjonijiet aktar stretti, skond l-aħjar tekniki disponibbli, għal ċerti sustanzi niġġiesa.

- **Miżuri ta' implimentazzjoni**

Id-Direttiva tagħti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Il-każijiet li fihom ingħataw poteri ta' implimentazzjoni huma speċifikament elenkati f'kull artikolu relevanti. Il-miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni se jkunu suġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju skond l-Artikoli 5a(1) sa (4), u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-miżuri ta' implimentazzjoni se jintużaw b'mod partikolari biex jistabbilixxu kriterji għall-għoti ta' deroga mil-livelli ta' l-emissjonijiet assoċjati ma' l-aħjar tekniki disponibbli kif

deskritti fid-dokumenti ta' referenza BAT u biex jadattaw ir-rekwiżiti minimi mhux essenzjali stipulati fl-Annessi V sa VIII għall-progress xjentifiku u tekniku.

↓ 96/61/KE (adattat)
⇨ ġdid

2007/0286 (COD)

Proposta ta'

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**⇨ dwar l-emissjonijiet industrijali ⇦ (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

⇨ IL-PARLAMENT EWROPEW U ⇦ L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~130s~~ ⌦ 175 ⌫ (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⌦ Ewropew ⌫ [3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu ~~189c~~ ⌦ 251 ⌫ tat-Trattat[5],

Billi:

⇩ ġdid

(1) Għadd ta' bidliet sostanzjali għandhom isiru lid-Direttiva tal-Kunsill 78/176/KEE ta' l-20 ta' Frar 1978 dwar skart mill-industrija tat-titanju dijossidu [*dijossidu tat-titanju*][6], id-Direttiva tal-Kunsill 82/883/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 fuq il-proċeduri ta' sorveljanza u monitoraġġ ta' ambjenti milquta mill-iskart ta' l-industrija tad-dijossidu ta' titanju[7], id-Direttiva tal-Kunsill 92/112/KEE tal-15 ta' Diċembru 1992 dwar proċeduri għall-armonizzar ta' programmi għat-tnaqqis u eventwali eliminazzjoni ta' tniġġis ikkawżat mill-iskart mill-industrija tat-*titanium dioxide* [dijossidu tat-titanju][8], id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis[9], id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE tal-11 ta' Marzu 1999 dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku

2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C […], […], p. […].
5 ĠU C […], […], p. […].
6 ĠU L 54, 25.2.1978, p. 19. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).
7 ĠU L 378, 31.12.1982, pġ. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru. 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).
8 ĠU L 409, 31.12.1992, p. 11.
9 ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 166/2006 (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

minħabba l-użu ta' solventi organiku f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet[10], id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' skart[11] u d-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar ta' kombustjoni[12]. Dawn id-Direttivi għandhom jiġu rriformulati fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Sabiex ikun hemm prevenzjoni u tnaqqis u sa fejn hu possibbli l-eliminazzjoni ta' tniġġis li jkun ġej mill-attivitajiet industrijali, b'konformità mal-prinċipju ta' 'min iniġġes iħallas' u l-prinċipju tal-prevenzjoni tat-tniġġis, jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas ġenerali għall-kontroll ta' l-attivitajiet industrijali ewlenin billi tingħata prijorità lill-intervent f'ras il-għajn u tiġi żgurata l-ġestjoni prudenti tar-riżorsi naturali,

(3) Diversi modi ta' kontroll ta' l-emissjonijiet fl-ajru, fl-ilma u fil-ħamrija separatament jistgħu jħajru ċ-ċaqliq tat-tniġġis bejn id-diversi mezzi ambjentali pjuttost milli jiġi protett l-ambjent kollu kemm hu. Jixraq għalhekk li jiġi pprovdut approċċ integrat għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' l-emissjonijiet fl-arja, l-ilma jew il-ħamrija, għall-immaniġġjar ta' l-iskart, l-użu effiċjenti ta' l-enerġija u l-prevenzjoni ta' l-inċidenti.

(4) Jixraq li tiġi rreveduta l-leġiżlazzjoni marbuta ma' l-istallazzjonijiet industrijali sabiex jiġu ssimplifikati u ċċarati d-dispożizzjonijiet eżistenti, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa u jiġu implimentati l-konklużjonijiet tal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Tematika għat-Tniġġis ta' l-Arja[13], l-Istrateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija[14] u l-Istrateġeija Tematika għall-Prevenzjoni u r-Riċiklaġġ ta' l-Iskart[15] adottata bħala segwitu għad-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali[16]. Dawn l-Istrateġiji Tematiċi jistipulaw għanijiet għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent li ma jkunux jistgħu jintlaħqu mingħajr aktar tnaqqis ta' l-emissjonijiet li joħorġu mill-attivitajiet industrijali.

(5) Sabiex jiġu ggarantiti l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, kull stallazzjoni għandha topera biss jekk ikollha permess jew fil-każ ta' ċerti stallazzjonijiet u attivitajiet tuża solventi organiċi, biss jekk ikollha permess jew jekk tkun irreġistrata.

(6) Sabiex tiffaċilita l-għoti tal-permessi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistipulaw rekwiżiti għal ċerti kategoriji ta' stallazzjonijiet permezz ta' regoli ġenerali li jorbtu.

(7) Sabiex tiġi evitata r-regolamentazzjoni doppja, il-permess ta' stallazzjoni koperta mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti għall-emissjoni tal-gassijiet serra fi ħdan il-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE[17] ma għandux jinkludi

---

10 ĠU L 85, 29.3.1999, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/42/KE (*ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87*).
11 ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91.
12 ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).
13 COM(2005)446 finali tal-21.9.2005
14 COM(2006)231 finali tat-22.9.2006
15 COM(2005) 666 finali tal-21.15.2005
16 ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
17 ĠU L 275, 25.10.2003, pġ. 32. Id-Direttiva kid emendata bid-Direttiva 2004/101/KE *(ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18).*

valur limitu ta' l-emissjonijiet għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għajr jekk meħtieġ sabiex jiġi żgurat illi ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis lokali sinifikanti jew meta stallazzjoni tkun temporanjament eskluża minn dik l-iskema.

(8) L-operaturi għandhom iressqu applikazzjoni għal permess lill-awtorità kompetenti li jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa għall-istipular tal-kundizzjonijiet tal-permess. L-operaturi għandhom ikunu jistgħu jużaw informazzjoni li toħroġ mill-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent[18] u d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi[19] meta titressaq applikazzjoni għal permess.

(9) Il-permess għandu jinkludi l-miżuri meħtieġa kollha biex jinkiseb livell għoli ta' ħarsien għall-ambjent kollu kemm hu, u għandu wkoll jinkludi valuri limitu ta' l-emissjonijiet għas-sustanzi niġġiesa, rekwiżiti xierqa għall-ħarsien tal-ħamrija u l-ilma tal-pjan kif ukoll rekwiżiti tal-monitoraġġ. Il-kundizzjonijiet tal-permess għandhom jissejsu skond l-aħjar tekniki disponibbli.

(10) Sabiex jiġi ddeterminat x'jitqies bħala l-aħjar tekniki disponibbli u sabiex jiġu limitati l-iżbilanċi fil-Komunità fir-rigward tal-livell ta' l-emissjonijiet ta' l-attivitajiet industrijali, il-Kummissjoni għandha tadotta d-dokumenti ta' referenza għall-aħjar tekniki disponibbli, minn hawn 'il quddiem "dokumenti ta' referenza BAT" bħala riżultat ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati. Dawn id-dokumenti ta' referenza BAT għandhom ikunu r-referenza għall-istipular tal-kundizzjonijiet tal-permessi. Jistgħu jiġu ssupplimentati b'sorsi oħra.

(11) Sabiex jitqiesu ċerti ċirkostanzi speċifiċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jagħtu derogi li jippermettu lill-valuri limitu ta' l-emissjonijiet jaqbżu l-livelli ta' l-emissjoniiet assoċjati ma' l-aħjar tekniki disponibbli kif deskritt fid-dokumenti ta' referenza BAT. Dawn id-derogi għandhom ikunu msejsa fuq kriterji definiti sew u m'għandhomx jaqbżu l-valuri limitu ta' l-emissjonijiet stipulati fid-Direttiva.

(12) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jittestjaw tekniki emerġenti li jkunu jistgħu jipprovdu livell ogħla ta' ħarsien ambjentali, il-proposta tintroduċi wkoll possibbiltà għall-awtorità kompetenti biex tagħti derogi temporanji mil-livelli ta' l-emissjonijiet assoċjati ma' l-aħjar tekniki disponibbli kif deskritti fid-dokumenti ta' referenza BAT.

(13) Bidliet fi stallazzjoni jistgħu jagħtu lok għal livelli ogħla ta' tniġġis. L-awtorità kompetenti għandha għalhekk tiġi notifikata b'kull bidla ppjanata li tista' teffettwa l-ambjent. Bidliet sostanzjali għall-istallazzjonijiet li jista' jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq il-bnedmin jew l-ambjent għandhom ikunu suġġetti għar-rikunsiderazzjoni ta' permess sabiex jiġi żgurat li l-istallazzjonijiet ikkonċernati jkomplu jilħqu r-rekwiżiti tad-Direttiva.

(14) It-tifrix ta' demel tal-bhejjem jista' jwassal għal impatti sinifikanti fuq il-kwalità ta' l-ambjent. Sabiex jiġu żgurati b'mod integrat il-prevenzjoni u l-kontroll ta' dawn l-impatt, jeħtieġ li d-demel solidu (*manure*) u likwidu (*slurry*) iġġenerat minn attivitajiet koperti minn din id-Direttiva jinfirex mill-operatur jew mill-partijiet terzi bl-użu ta' l-aħjar tekniki disponibbli. Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà biex jilħqu

[18] ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/35/EC (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

[19] ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/105/EC (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 97).

dawn ir-rekwiżiti, l-applikazzjoni ta' l-aħjar tekniki disponibbli lill-operatur jew lill-parti terza li qed tifrex tista' tiġi speċifikata fil-permess jew f'miżuri oħra.

(15) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fl-aħjar tekniki disponibbli jew bidliet oħrajn fir-rigward ta' tibdil fi stallazzjoni, il-kundizzjonijiet tal-permess għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid regolarment u, fejn meħtieġ, aġġornati, partikolarment wara li l-Kummissjoni tadotta dokument ta' referenza BAT ġdid jew aġġornat.

(16) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-operat ta' stallazzjoni ma jwassalx għal deterjorazzjoni tal-kwalità tal-ħamrija u ta' l-ilma tal-pjan. Il-kundizzjonijiet tal-permess għandhom għalhekk jinkludu l-monitoraġġ tal-ħamrija u ta' l-ilma tal-pjan u l-operatur għandu jirrijabilita s-sit malli l-attivitajiet jintemmu għal kollox.

(17) Sabiex jiġu żgurati implimentazzjoni u infurzar effettivi ta' din id-Direttiva, l-operaturi għandhom regolarment jirrapurtaw dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet tal-permess lill-awtorità kompetenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur u l-awtorità kompetenti jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva u jipprovdu għal sistema ta' spezzjonijiet ambjentali.

(18) Parteċipazzjoni pubblika effettiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet tgħin lill-pubbliku li jesprimi, u lil min jieħu d-deċiżjonijet li jqis, l-opinjonijiet u t-tħassib li jistgħu jkunu rilevanti għal dawn id-deċiżjonijiet, biex b'hekk jiżdiedu l-kontabbiltà u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jikkontribwixxu għall-għarfien tal-kwistjonijiet ambjentali u l-appoġġ għad-deċiżjonijiet meħuda. Il-membri tal-pubbliku kkonċernati għandhom ikollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa xieraq għas-saħħa u l-benessri personali.

(19) Impjanti kbar ta' kombustjoni jikkontribwixxu bil-kbir għall-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa fl-arja u dan jissarraf f'impatt sinifikattiv fuq saħħet il-bniedem u fuq l-ambjent. Sabiex jitnaqqas dak l-impatt u ssir ħidma lejn l-ilħiq tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi ta' l-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi[20] u l-għanijiet stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Tematika għat-Tniġġis ta' l-Ajru, jeħtieġ li jiġu ffissati valuri limitu ta' l-emissjonijiet aktar stretti fuq il-livell Komunitarju għal ċerti kategoriji ta' impjanti ta' kombustjoni u s-sustanzi niġġiesa.

(20) Fil-każ ta' interruzzjoni għall-għarrieda fil-provvista ta' karburant jew gass b'kontenut baxx ta' kubrit li tirriżulta minn nuqqas serju fil-provvista, l-awtorità kompetneti għandha tkun tista' tagħti derogi temporanji sabiex tippermetti li l-emissjonijiet mill-impjanti ta' kombustjoni kkonċernati jaqbżu l-valuri limitu ta' l-emissjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.

(21) L-operatur ikkonċernati m'għandux jopera impjant ta' kombustjoni għal aktar 24 siegħa wara l-ħsara jew il-waqfien ta' l-apparat tat-tnaqqis, u l-operat mhux imnaqqas m'għandux jaqbeż 120 siegħa f'perjodu ta' tnax-il xahar sabiex jillimita l-effetti negattivi tat-tniġġis fuq l-ambjent. Madankollu, meta jkun hemm ħtieġa urġenti ta' provvisti ta' l-enerġija jew ikun hemm bżonn li tiġi evitata żieda fl-emissjonijiet minn operazzjoni minn impjant ieħor ta' kombustjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jagħtu deroga minn dawn il-limiti ta' żmien.

[20] *ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22.* Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/105/KE *(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).*

(22) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta’ ħarsien ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem u sabiex jiġi evitat ċaqliq transkonfinali ta' skart li joperaw bi standards ambjentali aktar baxxi, jeħtieġ li jinżammu u jiġu ffissati kundizzjonijiet operattivi rekwiżiti tekniċi u valuri limitu ta' l-emissjonijiet stretti għall-impjanti li jinċineraw jew jikkoinċineraw l-iskart fi ħdan il-Komunità.

(23) L-użu ta’ solventi organiċi f’ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet jagħti lok lil emissjonijiet ta’ komposti organiċi fl-arja li jikkontribwixxi għall-formazzjoni lokali u transkonfinali ta’ ossidanti fotokimiċi li jikkawżaw il-ħsara lir-riżorsi naturali u li għandhom effetti ta’ ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem. Huwa għalhekk meħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva kontra l-użu ta’ solventi organiċi u li jiġi stabbilit ir-rekwiżit tal-konformità mal-valuri limitu ta’ l-emissjonijiet għall-komposti organiċi u kundizzjonijiet xierqa ta’ l-operat. Għandu jkun possibbli li jingħataw derogi mill-konformità mal-valuri limitu ta' l-emissjonijiet meta miżuri oħra, bħall-użu ta' prodotti bi ftit solvent u prodotti jew tekniki mingħajr solvent, jipprovdu mezzi alternattivi biex jilħqu tnaqqis ta' emissjonijiet ekwivalenti.

(24) L-istallazzjonijiet li jipproduċu d-dijossidu tat-titanju jistgħu jagħtu lok għal tniġġis sinifikanti fl-arja u l-ilma. Sabiex jitnaqqsu dawn l-impatti, jeħtieġ li fuq livell Komunitarju jkun hemm valuri limitu ta’ l-emissjonijiet aktar stretti għal ċerti sustanzi niġġiesa.

(25) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[21].

(26) B’mod partikolari, is-setgħa għandha tingħata lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi kriterji għall-għoti ta’ derogi mil-livelli ta’ l-emissjonijiet assoċjati ma’ l-aħjar tekniki disponibbli kif deskritti fid-dokumenti ta’ referenza BAT u biex tiġi ddeterminata l-frekwenza tal-monitoraġġ perjodiku u tal-kontenut tar-rapport ta’ bażi kif ukoll il-kriterji li għandhom jiġu użati għall-istima tar-riskji ambjentali. Għandha wkoll tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri li jikkonċernaw l-iżvilupp u l-applikazjoni ta’ tekniki emerġenti, sabiex f’ċerti każijiet jiġi ffissat valur limitu ta’ l-emissjonijiet minimu għad-dijossidu tal-kubrit, tiġi ffissata d-data li minnha jibda jittieħed kejl kontinwu ta' l-emissjonijiet fl-arja ta' metalli tqal, dijossini u furani, jiġi stabbilit it-tip u l-format ta' l-informazzjoni li għandha tkun disponibbli mingħand l-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u sabiex l-Anness V sa VIII jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku. Fil-każ ta’ l-impjanti ta’ l-inċinerazzjoni ta’ l-iskart u l-impjanti tal-koinċinerazzjoni ta’ l-iskart, dan jista’ jinkludi l-istabbiliment ta’ kriterji li jippermettu derogi mill-monitoraġġ kontinwu ta' l-emissjonijiet ta’ trab totali. Peress li dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u tfasslu biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jew biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

[21] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(27) L-Istati Membri għandhom jagħmlu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn ikunu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(28) Sabiex l-istallazzjonijiet eżistenti jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw teknikament għar-rekwiżiti l-ġodda ta' din id-Direttiva, xi wħud mir-rekwiżiti l-ġodda għandhom japplikaw għal dawk l-istallazzjonijiet wara perjodu fiss mid-data ta’ l-applikazzjoni ta’ dik id-Direttiva. L-impjanti ta’ kombustjoni għandhom bżonn żmien biżżejjed biex jistallaw il-miżuri ta’ tnaqqis meħtieġa sabiex jintlaħqu l-valuri limitu ta’ l-emissjonijiet stipulati fl-Anness V.

(29) Billi l-għanijiet ta' l-azzjoni li għandha tittieħed biex jiġi żgurat livell għoli ta’ ħarsien ambjentali u billi t-titjib tal-kwalità ambjentali ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, u għaldaqstant, minħabba r-raġuni tan-natura transkonfinali tat-tniġġis mill-attivitajiet industrijali, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imfisser fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċesarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(30) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B’mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jippromwovi l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea.

(31) L-obbligazzjoni tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandha tkun limitata għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttivi preċedenti. L-obbligazzjoni tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma ġewx emendati toħroġ mid-Direttivi preċedenti.

(32) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stipulati fil-Parti B ta' l-Anness IX.

---

↓ 96/61/KE (adattat)

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# <u>KAPITOLU I</u>

## ⌦ Dispożizzjonijiet komuni⌫

*Artikolu 1*

~~Għan u ambitu~~ ⌦ Suġġett ⌫

~~L-għan ta'~~ ~~d~~Din id-Direttiva ⌦ tistipula regoli dwar ⌫ ~~huwa li tinkiseb~~ prevenzjoni u kontroll ~~sħiħ~~ ⌦ integrati ⌫ ta' tniġġis li jinħoloq mill-attivitajiet ⌦ industrijali ⌫ ~~elenkati fl-Anness I~~.

Tippreskrivi ⌦wkoll ⌫ ~~miżuri~~ ⌦ regoli ⌫ maħsuba għall-prevenzjoni jew, meta dan ma jkunx prattiku, għal tnaqqis ta' emissjonijiet fl-arja, ~~fil-baħar~~ ⌦ fl-ilma ⌫ u fl-art ~~mill-attivitajiet imsemmija hawn fuq, inklużi miżuri dwar~~⌦ u biex ikun hemm prevenzjoni tal-ġenerazzjoni ta' l- ⌫ iskart, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent kollu

kemm hu, bla ħsara għad-Direttiva 85/337/KEE u għad-dispożizzjonijiet oħra relevanti tal-Komunità.

⇩ ġdid

*Artikolu 2*

**Ambitu**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet industrijali li jagħtu lok lit-tniġġis imsemmi fil-Kapitoli II sa VI.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal attivitajiet ta' riċerka, attivitajiet ta' żvilupp u ttestjar ta' prodotti u proċessi ġodda.

🡻 96/61/KE (adattat)

*Artikolu 23.*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva ⌦ għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin ⌫ :

(1)1. 'sustanza' għandha tfisser kull element kimiku u l-komposti tiegħu, bl-eċċezzjoni ta'-s-sustanzi ⌦ li ġejjin: ⌫

